

Brussell, 31 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7231/26  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0071 (NLE)

---

---

TRANS 145

## NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	7139/1/26 ADD 1
Suġġett:	Anness tad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/... ta'... dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont il-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji

---

### 1. Introduzzjoni

It-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 ("il-Protokoll tal-Lussemburgu") ser issir fl-14 ta' April 2026.

### 2. Kompetenza tal-Unjoni

L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti għall-Protokoll tal-Lussemburgu. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-punti tal-aġenda ta' din il-laqgħa fejn l-Awtorità Superviżorja ser tintalab tadotta atti b'effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) - jiġifieri l-Punti 9 u 10 tal-Aġenda.

3. Kummenti dwar il-punti tal-aġenda tat-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja

Punt 9 tal-Aġenda. Regoli Mudell

Dokument(i)	LUX-26011-SA3-09-Model Rules.pdf
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot	Unjoni Ewropea
Pożizzjoni	<p>Id-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Awtorità Superviżorja għandha tinbidel għal: "<i>L-Awtorità Superviżorja:</i></p> <p>- <i>tinnota l-modifiki għar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji (Reviżjoni 3) diskussi fit-tielet sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni għar-Regoli Mudell għall-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji, li saret f'Settembru 2025;</i>"</p> <p>Jekk ir-Regoli Mudell ma jidħlux fis-seħħ qabel ma ssir it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja:</p> <p>"- <i>tinnota li l-modifiki ta' dawk ir-Regoli Mudell għandhom jidħlu fis-seħħ biss meta jiġi ppubblikat ir-rapport tad-disgħa u sebgħin sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Ferrovarju SC.2 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE);</i></p> <p>- <i>tippożponi kwalunkwe azzjoni dwar l-approvazzjoni tar-Reviżjoni 3 ta' dawk ir-Regoli Mudell sakemm jidħlu fis-seħħ it-tali regoli."</i></p> <p>Jekk ir-Regoli Mudell jidħlu fis-seħħ sakemm issir it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja, u jikkorrispondi għall-verżjoni mhux uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tan-NUKEE<sup>1</sup>:</p> <p>"- <i>tapprova r-Regoli Mudell (Reviżjoni 3)"</i></p>

<sup>1</sup> [https://unece.org/sites/default/files/2026-02/ECE-TRANS-SC.2-337-Rev.3EFR\\_Unofficial.pdf](https://unece.org/sites/default/files/2026-02/ECE-TRANS-SC.2-337-Rev.3EFR_Unofficial.pdf)

Punt 10 tal-Aġenda. Statuti u Regoli ta' Proċedura

Dokument(i)	LUX-26012-SA3-10-Statutes and Rules of Procedure (&ad).pdf
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot	Unjoni Ewropea
Pożizzjoni	<p>Favur l-approvazzjoni tal-emendi proposti għall-Istatuti.</p> <p>Favur l-approvazzjoni tal-emendi proposti għar-Regoli ta' Proċedura, soġġett għall-emendi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>- fl-Artikolu 16(6), il-punt (c), "<i>ġimagħtejn</i>" tinbidel b"<i>għaxar ġimgħat</i>";</li><li>- fl-Artikolu 16(7), titneħħa "<i>jew fejn jiġi deċiż hekk mill-Awtorità Superviżorja</i>" mill-paragrafu introduttorju.</li></ul>